




# Fra Dr Giuseppe Zammit
## (1650-1740)

minn Adrian Melbourne

F'Ħal Balzan, insibu ħafna palazzi u djar li fi żmien il-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann, kienu jservu ta' villeġġjatura għal bosta dinjitarji, sew kavallieri, kif ukoll ekkleżjastiċi.

Waħda minn dawn id-djar hi proprju fil-qalba tar-raħal, sewwa sew kważi tmiss mal-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna. Dan il-post li llum hu *wine bar*, kien ir-residenza ta' Fra Giuseppe Zammit.






Dan Giuseppe Zammit, li kien kappillan tal-ubbidjenza tal-Ordni ta' San Ġwann u tabib, twieled il-Belt Valletta fit-18 ta' Marzu 1650, għalkemm in-nanniet tiegħu miż-żewġ naħat kienu Balzanin. Hu ħa l-edukazzjoni tiegħu għand il-Ġiżwiti l-Belt, fejn hemm tgħallem it-Taljan, il-Latin, il-filosofija u t-teoloġija. Wara dan, hu ħalla Malta biex jiggradwa bħala tabib.

Ta' 20 sena, kien diġà qassis u kappillan tal-ubbidjenza fl-Ordni ta' San Ġwann. Fra Giuseppe kien ukoll fratell fil-Konfraternità tal-Kurċifiss, fil-knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta.

Kien fl-1676, meta l-Gran Mastru Nikol Cottoner, ħatru bħala l-ewwel professur tal-anatomija u



l-kirurġija fl-iskola medika, imwaqqfa fis-Sacra Infermeria.

Minkejja l-età żgħira, ir-reputazzjoni tiegħu f'dan il-qasam kien għoli ħafna. Hu kien it-tabib personali ta' mill-inqas ħames Gran Mastri. Il-Gran Mastru Gregorio Caraffa ħatru membru tal-kulleġġ mediku fl-1684, u De Vilhena għollieh għall-*protomedico* fl-1722.

Fra Giuseppe Zammit kien stmat minn kulħadd. Il-pazjenti tiegħu, dawk dinjitarji, fil-qasam ekkleżjastiku u fi ħdan l-Ordni, kienu jirreferu għalih bħala l-'Konti', waqt li l-popolin bħala l-*Missier*.

Peress li Fra Giuseppe qatta' 23 sena joqgħod f'din id-dar kważi tmiss mal-knisja parrokkjali, hu rabat qalbu mal-parroċċa wkoll. Nafu li kien devot kbir ta' San Pawl Eremita. Fl-1711, talab li jsir l-artal u l-kwadru ta' dan il-qaddis, fil-knisja preżenti. Il-kwadru ta' San Pawl Eremita, li jinsab fil-kappellun tal-kurċifiss tal-knisja parrokkjali, ħallas għalih Fra Giuseppe u dan sar fl-1714.

Fra Giuseppe Zammit miet fit-2 ta' Novembru 1740 fl-età ta' 90 sena. Huwa ndifen fil-knisja parrokkjali, proprju quddiem l-artal ta' San Pawl Eremit. L-irħama li kienet fuq qabru nqalgħet meta sar il-paviment il-ġdid u issa qiegħda fil-kor, fil-ġenb tal-artal tal-kor. Fuq l-irħama kien sarlu żball fix-xahar ta' mewtu, għax flok Novembru kitbu Ottubru.




Referenzi:
*Ħal Balzan*, Mons. John Dimech
*Minn Ħal Balzan*, Marcelle Delicata
*Heritage*